MALTA

ATT Nru. II ta' l-1987

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1974 dwar it-Taxxa tad-Divertimenti.

ACT No. II of 1987

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT further to amend the Entertainments Tax Act, 1974.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) AGATHA BARBARA
President

29 ta' Jannar, 1987

ATT Nru. II ta' l-1987

ATT biex ikompli jemenda l-Att ta' l-1974 dwar it-Taxxa tad-Divertimenti.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor u bidu fis-seħħ.

1. (1) Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1987 li jemenda l-Att dwar it-Taxxa tad-Divertimenti, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda ma' l-Att ta' l-1974 dwar it-Taxxa tad-Divertimenti, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att prinċipali".

(2) Id-dispożizzjonijiet ta' dan l-Att għandhom jitqiesu li daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 1987.

Emenda ta' l-artikolu 6 ta' l-Att prinċipali.

2. L-artikolu 6 ta' l-Att prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fis-subartikolu (1) tiegħu minflok il-kliem "fl-artikolu 5 ta' dan l-Att" għandhom jidħlu l-kliem "fl-artikolu 5 ta' dan l-Att, minbarra għall-wiri ta' film,";

(b) is-subartikoli (2) u (3) tiegħu għandhom jiġu rispettivament enumerati mill-ġdid bħala s-subartikoli (3) u (4); u

(ċ) minnufih wara s-subartikolu (1) tiegħu għandu jidħol dan is-subartikolu ġdid li ġej:

"(2) Ir-rati tat-taxxa dwar divertiment li jkun jikkonsisti f'wiri ta' film ikunu kif ġej:

(a) meta l-prezz ikun ħames ċenteżmi jew inqas kull persuna	Xejn

(b) meta l-prezz ikun iżjed minn ħames ċenteżmi kull persuna, iżda inqas minn għoxrin ċenteżmu	20%	tiegħu
(ċ) meta l-prezz ikun iżjed minn għoxrin ċenteżmu kull persuna	25%	tiegħu".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 435 tas-26 ta' Jannar, 1987.

PAUL XUEREB
Speaker

P. MUSCAT TERRIBILE
Aġent Skrivan tal-Kamra tad-Deputati